# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Sitta u Għoxrin (26) ta' April 2023**

**Rikors Numru 172/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Eurosport Limited (C32991)**

**Vs**

**Shoe Boss Limited (C61602)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 23 ta' Frar 2018, li permezz tiegħu is-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' esponenti hija kreditriċi tas-soċjeta' intimata fl-ammont ta' tlieta u ħamsin elf, sitt mija u disgħa u għoxrin Ewro u sitta u għoxrin Ċenteżmu (€53,629.26), rappreżentanti l-prezz dovut għal xiri ta' merkanzija (ħwejjeġ, żraben u aċċessorji) tad-ditet Adidas, Reebok, Joluvi, Live-Up fost oħrajn u dan kif jirriżulta mir-rendikont u mill-fatturi annessi u kollettivament immarkati bħala Dok A;*

    2. *Illi minkejja li l-esponenti interpellat lis-soċjeta' intimata għall-ħlas anke permezz ta' ittra legali tal-1 ta' Novembru 2017 (Dok B), hija baqgħet inadempjenti;*

    3. *Illi kif anki spjegat fl-ittra legali annessa bħala Dok B, kien hemm ukoll okkażjoni fejn is-soċjeta' intimata għamlet ħlas parzjali ta' għaxart elef, mitejn u sitta u għoxrin Ewro (€10,226) permezz ta' ċekk li madanakollu ġie ritornat bħala countermanded (vide Dok C);*

    4. *Illi għal dawn ir-raġunijiet kellha ssir din il-kawża.*

5. *Illi s-soċjeta' intimata m'għandha ebda eċċezzjonijiet xi tressaq għal din it-talba;*

6. *Illi dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti u huma ikkonfermati permezz ta' affidavit ta' Maria Christina Peresso (KI 587478M) li qed jiġi anness u mmarkat bħala Dok D;*

*Tgħid għalhekk is-soċjeta' intimata għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

1. *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' esponenti fl-ammont ta' tlieta u ħamsin elf, sitt mija u disgħa u għoxrin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€53,629.26), rappreżentanti l-prezz dovut għal xiri ta' merkanzija (ħwejjeġ, żraben u aċċessorji) tad-ditet Adidas, Reebok, Joluvi, Live-Up fost oħrajn;*

3. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlieta u ħamsin elf, sitt mija u disgħa u għoxrin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€53,629.26), dovuta kif premess;*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru ta' referenza 194/2018, u bl-imgħax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta' intimata, ir-rappreżentanti ta' liema huma minn issa nġunti għas-subizzjoni tagħhom.*

2. Rat illi fis-27 ta' April 2018 is-soċjeta' intimata Shoe Boss Limited irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet s-segwenti difiżi:

   1. *Illi t-talbiet tal-attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:*

      i. *l-attriċi naqset milli tonora l-ftehim ta' negozju li kien hemm bejn il-partijiet tant illi kkonsenjat merkanzija li ma kinitx skont dik miftehma kemm fl-ammont ta' merkanzija li ġiet ikkonsenjata kif ukoll fil-kwalita' u t-tempistika meta kellha tiġi fornita l-merkanzija;*

      ii. *l-esponenti ntavolat kawża fl-ismijiet inversi "Shoe Boss Ltd vs Euro Sport Ltd" (Rik. Gur. Nru. 236/18JZM) stante illi minħabba l-aġir tal-attriċi, l-esponenti sofriet danni inġenti saħansitra kellha tagħlaq in-negozju u tali jammontaw għal somom oltre' dak li huwa mitlub f'din il-kawża;*

      iii. *is-soċjeta' attriċi naqset milli tottempora ruħha ma' l-obbligi tagħha naxxenti mill-ftehim bejn il-partijiet fosthom billi issuplixxit lis-soċjeta' konvenuta bil-merkanzija li ma kinitx tal-kwalita' pattwita u naqset li tonora ż-żmien li fih kellha tissuplixxi tali merkanzija;*

2. *Illi l-ebda dejn ma jeżisti da parti tas-soċjeta' konvenuta versu l-attriċi stante illi kien hemm ftehim li s-soċjeta' attriċi kellha tieħu lura l-merkanzija.*

3. *Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi, li hija minn issa nġunta in subizzjoni.*

**Provi:**

3. Rat l-affidavit ta' Maria Christine Peresso ippreżentat fit-23 ta' Frar 2018 (fol 84).

4. Rat li s-soċjetà intimata ippreżentat b'kopja tar-rikors numru 236/2018 fl-ismijiet inversi (fol 92).

5. Rat in-nota tas-soċjetà rikorrenti ippreżentata fil-5 ta' Ġunju 2018, li permezz tagħha, qiegħda teżebixxi żewġ affidavits, l-affidavit ta' Jason Zammit (fol 102), u l-affidavit ta' Andrea Borg (fol 106).

6. Rat li t-talba tas-soċjetà intimata fir-rikors tal-4 ta' Ottubru 2018, sabiex dan il-każ jinstema' flimkien mal-każ 236/18 fl-ismijiet inversi, ġiet miċħuda permezz ta' digriet ta' din il-qorti diversament preseduta fit-23 ta' Ottubru 2018.

7. Rat in-nota tas-soċjetà rikorrenti li l-affidavit ta' Philip Hudson ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2018 (fol 111).

8. Rat id-dokumenti annessi ma' l-affidavit ta' Philip Hudson dokumenti 1 sa 11 (fol 115 *et sequitur*).

9. Rat ir-risposta ta' Shoe Boss Limited tas-6 ta' Novembru 2017, għall-ittra legali mibgħuta fl-1 ta' Novembru 2017, Dok E (fol 392).

10. Rat ix-xhieda ta' Alison Mifsud Brimmer tat-22 ta' Novembru 2018 (fol 404).

11. Semgħet ix-xhieda ta' Joanne Bartolo, in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc tal-11 ta' Diċembru 2019 (fol 413).

12. Rat id-dokumenti esebiti max-xhieda ta' Joanne Bartolo (fol 417 *et sequitur*).

13. Semgħet ix-xhieda ta' Joanne Bartolo, in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc tas-27 ta' Frar 2020 (fol 420).

14. Rat id-dokumenti annessi max-xhieda ta' Joanne Bartolo (fol 424 *et sequitur*).

15. Rat in-nota tas-soċjetà intimata ippreżentata fit-13 ta' Lulju 2020, fejn Josephine Portelli, bħala direttur tas-soċjetà intimata esebiet dokumenti (fol 441).

16. Rat in-nota tas-soċjetà intimata ippreżentata fis-26 ta' Mejju 2021, li permezz tagħha ġie esebit affidavit ta' Josephine Portelli (fol 447).

17. Rat id-dokumenti annessi mal-affidavit ta' Josephine Portelli (fol 452 *et sequitur*).

18. Rat l-affidavit ta' Mark Micallef ippreżentat fis-16 ta Marzu 2022 (fol 525A).

19. Rat in-nota tas-soċjetà rikorrenti ippreżentata fis-16 ta' Marzu 2022, li permezz tagħha qegħda tippreżenta t-traskrizzjoni tal-kontro -eżami li sar lil Josephine Portelli fil-kawża 236/2018 fl-ismijiet inversi (fol 526).

20. Rat li fis-16 ta' Marzu 2022, din il-Qorti kif preseduta qieset, li fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, ikun opportun li ż-żewġ kawżi ossija dik odjerna, u l-każ 236/2018, jinstemgħu kontestwalment u jiġu deċiżi kontestwalment, stante li jirrigwardaw l-istess partijiet u l-mertu huwa konness. Għalhekk, intlaqgħet it-talba tas-soċjetà rikorrenti, u ġie ordnat sabiex il-proċess numru 236/2018, jinġieb quddiem din il-Qorti, u sabiex ikompli jinstema' minn din il-Qorti kif komposta flimkien mal-kawża 172/2018.

21. Rat li in segwitu, għal rikors tas-soċjetà rikorrenti tat-12 ta' Lulju 2022, sabiex jiġi revokat digriet *contrario imperio*, dwar il-kontro-eżamijiet, din il-Qorti permezz ta' digriet tal-14 ta' Lulju 2022, ċaħdet it-talba (fol 546).

22. Rat li fid-9 ta' Novembru 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali wara li ngħalqu l-provi.

23. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà rikorrenti ippreżentata fid-9 ta' Novembru 2022 (fol 549).

24. Rat li s-soċjetà intimata ippreżentat is-sottomissjonijiet finali fil-każ 236/2018, u issottomettiet li n-nota ta' sottomissjonijiet hemmhekk ippreżentati, għandha tapplika għal dan il-każ ukoll.

**Fatti tal-każ**

25. Jirriżulta li s-soċjeta' Eurosport Limited qed issostni li hija kreditriċi tas-soċjetà intimata fl-ammont ta' tlieta u ħamsin elf, sitt mija disgħa u għoxrin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€53,629.26) rappreżentanti xiri ta' merkanzija, ħwejjeġ, żraben u aċċessorji.

26. Jirriżulta li s-soċjeta' Eurosport Limited eżebiet rendikont ta' dak pretiż mill-istess soċjetà f'Dok A fol 4 mar-rikors promotur.

27. Jirriżulta li sussegwentement, is-soċjeta' Eurosport Limited appellat lis-soċjetà intimata għall-ħlas permezz ta' ittra legali tal-1 ta' Novembru 2017, Dok B fol 81.

28. Jirriżulta mill-provi, u mix-xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank of Valletta plc, li ċ-ċekk maħruġ mis-soċjetà intimata datat 14 ta' Lulju 2017, fl-ammont ta' ħamest elef, ħames mija u disgħa u sittin Ewro (€5,569), ġie 'referred to drawer' peress li ma kienx hemm fondi fil-kont ta' Shoe Boss Limited. B'referenza għaċ-ċekk numru 974, datat 30 ta' Settembru 2017, l-ammont ta' għaxart elef, mitejn u sitta u għoxrin Ewro (€10,226) ma ġiex onorat peress li s-soċjetà intimata nnifisha għamlet 'stop payment' fuqu (Dok C, fol 82).

29. Jirriżulta li fuq talba tas-soċjetà rikorrenti, is-soċjetà intimata ppreżentat nota bid-dokumenti inkluż il-firem tal-fatturi, liema firem jikkonfermaw li l-merkanzija mertu ta' dawn il-fatturi ġiet ikkonsenjata u riċevuta mis-soċjetà intimata. Fil-fatt, Josephine

Portelli, direttur tas-soċjetà intimata kkonfermat li kien hemm l-ammont ta' €10,000 dovut għall-merkanzija konsenjata lilha, li kienet għadha ma tħallsitx.

**Ikkunsidrat**

30. Jibda biex jingħad li fis-16 ta' Marzu 2022, din il-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjetà rikorrenti sabiex il-każ 236/2018 jinstema’ u jiġi deċiż kontestwalment ma' din il-kawża peress li ż-żewġ kawżi jirrigwardaw l-istess partijiet u l-mertu huwa konness. Iżda din il-Qorti tinnota li t-talbiet kif dedotti, fiż-żewġ kawżi, huma distinti u għalhekk ser jingħataw żewġ deċiżjonijiet separati u distinti.

31. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi s-soċjeta’ rikorrenti qiegħda, permezz tal-azzjoni preżenti, titlob li jiġi dikjarat li s-soċjeta’ intimata hija debitriċi tas-soċjeta’ Eurosport Limited fl-ammont ta’ tlieta u ħamsin elf, sitt mija, disgħa u għoxrin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€ 53,629.26) rappreżentanti l-prezz dovut għal xiri ta’ merkanzija li jinkludu ħwejjeġ, żraben, u aċċessorji tad-ditta Adidas, Reebok, Joluvi,u Live-up fost oħrajn.

32. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi is-soċjeta’ intimata laqgħet għat-talbiet tas-soċjeta’ rikorrenti billi sostniet li t-talbiet tas-soċjeta’ rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ġie eċċepit li s-soċjeta’ rikorrenti naqset milli tonora l-ftehim ta’ negozju li kien hemm bejn il-partijiet. Ġie sostnut ukoll, li s-soċjeta’ Shoe B Boss Limited intavolat każ ieħor bin-numru 236/18, fejn intalab li jiġu riżarċiti għad-danni sofferti. Inoltre`, ġie eċċepit, li is-soċjeta’ rikorrenti naqset milli tottempera ruħha mal-obbligi tagħha naxxenti mill-ftehim bejn il-partijiet, fosthom billi issupplixxiet lis-soċjeta’ intimata bil-merkanzija li ma kintix tal-kwalita' pattwita u naqset li tonora ż-żmien li fih kellha tissupplixxi tali merkanzija. Di piu`, ġie sostnut, li l-ebda dejn ma jeżisti da parti tas-soċjetà intimata versu s-soċjetà rikorrenti peress li kien hemm ftehim li s-soċjetà rikorrenti kellha tieħu lura il-merkanzija.

## Meritu tal-każ

33. Is-soċjeta’ rikorrenti qed tikkontendi li s-soċjeta’ intimata għandha tħallas id-debitu rappreżentanti merkanzija supplita lilha fl-ammont ta’ tlieta u ħamsin elf, sitt mija, disgħa u għoxrin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€ 53,629.26).

34. F'dan il-każ, hija sinjifikanti ħafna x-xhieda ta’ Philip Hudson, fejn fl-affidavit tiegħu, spjega li is-soċjetà Shoe Boss Limited, sa mill-bidu bdiet taqa' lura fil-pagamenti. Ġie spjegat preċiżament fl-affidavit tiegħu, li l-invoices fuq l-istock konsenjati f'Marzu 2017, kienu jammontaw għal (€ 65,003.93). Dawn kellhom jitħallsu sat-30 ta’ Ġunju 2017. Kompla jispjega fix-xhieda, li wara li tħallas id-depożitu fl-ammont ta’ € 7,616 mis-soċjeta’ intimata, kien ġie suġġerit li jsiru pagamenti regolari ta’ ħmistax-il elf Ewro (€ 15,000), u din il-proposta kienet ġiet aċċettata. Madankollu, kien sar pagament wieħed biss ta’ ħmistax il-elf Ewro (€ 15,000) li ġie riċevut fil-15 ta’ Ġunju 2017, u ma baqgħux isiru dawn il-pagamenti. Philip Hudson, kompla jsostni fix-xhieda tiegħu, li minn dakinhar, baqgħu jitolbu l-pagamenti lis-soċjetà intimata, iżda l-ebda ħlas ma sar f’Awissu 2017. Sussegwentement Hudson semma li sar pagament ta’ ħamest elef Ewro (€ 5000) da parti tas-soċjeta’ Shoe Boss Limited, u wara dan il-pagament u wara riassikurazzjoni da parti tas-soċjetà Shoe Boss Limited li ser iħallsu, is-soċjetà rikorrenti kompliet tikkonsenja l-istokk lis-soċjetà intimata. Meta intalab l-ammont ta’ ħamest elef, ħames mija u disgħa u sittin Ewro (€ 5,569), kien inħareġ ċekk f'dan l-ammont. Iżda dan iċ-ċekk ġie ‘referred to drawer’. Inoltre`, Hudson kompla jispjega li meta intalab ammont ieħor ta’ għaxart elef, mitejn u sitta u għoxrin Ewro (€ 10,226),

kien inħareġ ċekk ieħor, iżda dan iċ-ċekk ukoll ma ġiex onorat, u spiċċa 'referred to drawer.'

35. Dan il-fatt taċ-ċekkijiet li ma ġewx onorati, fil-fatt ġie ikkorraborat ukoll, minn Joanna Bartolo li xehdet in rappreżentanza tal-Bank of Valletta. Hija kkonfermat li ċ-ċekk numru 958 datat 14 ta' Lulju 2017 fl-ammont ta' ħamest elef, ħames mija, disgħa u sittin Ewro (€ 5,569) ġie 'referred to drawer', U dan peress li ma kienx hemm fondi fil-kont ta' Shoe Boss Limited. Ġie ikkonfermat ukoll mill-istess xhud Joanna Bartolo li ċ-ċekk numru 974 datat 30 ta' Settembru 2017 fl-ammont ta' għaxart elef, mitejn u sitta u għoxrin euro (€10,226), ma ġiex onorat għaliex kien hemm 'stop payment' fuqu. Hija kkonfermat fix-xhieda tagħha, li l-'istop payment' sar peress li Shoe Boss Limited ma kellhiex flus fil-kont. Fil-fatt, Joanna Bartolo, eżebiet kopja taċ-ċekkijiet li ma ssarfux (fol 418), u kopja ta' statements bankarji tas-soċjeta' Shoe Boss Limited fol 424, sabiex jintwera li ċ-ċekk numru 958 ma ssarrafx minħabba 'insufficient funds'. Ġie ikkonfermat, fl-istess waqt mix-xhud Bartolo, li jekk iċ-ċekk numru 974 ma kienx ġie 'stop paid' xorta waħda ma kienx ser jiġi onorat minħabba 'insufficient funds.'

36. Jirriżulta wkoll illi, fix-xhieda tagħha, Josephine Portelli bħala direttur tas-soċjeta Shoe Boss Limited, ikkonfermat li kien hemm ammont ta' € 10,000 konsistenti f'merkanzija ikkonsenjata, liema merkanzija baqgħet ma tħallsitx. Fix-xhieda tagħha, Josephine Portelli, ikkonfermat ukoll li f'Marzu 2018, kien ingħalaq il-ħanut f' Tas-Sliema, fejn kien daħal kerrej ieħor minflok. Dan jikkorrobora ukoll il-fatt li is-soċjeta' Shoe Boss Limited, minħabba nuqqas ta' likwidità ma setgħetx tkompli bin-negozju tagħha, u ma setgħetx iżżomm il-ħanut f' Tas-Sliema, li juri evidentement li għalhekk ma kienx qed isir il-ħlas regolari fix-xhur ta' qabel fis-sena 2017 lis-soċjeta' rikorrenti, u kien għalhekk ukoll li ċ-ċekkijiet li Joanna Bartolo irreferiet għalihom fix-xhieda tagħha, ma ġewx onorati, minħabba nuqqas ta' fondi tas-soċjetà Shoe Boss Limited.

37. Fid-dawl ta' dawn il-fatti u ċirkostanzi, l-argument tas-soċjetà intimata li l-ħlas u s-sussegwenti 'stop payment' taċ-ċekk imsemmi hawn fuq, saru għaliex is-soċjetà rikorrenti ma kinitx qed tissuplixxi il-merkanzija fil-ħin kif kien ġie miftiehem bejn il-partijiet, mhuwiex argument validu u ma jreġġix, propju għaliex iċ-ċekkijiet ma ġewx onorati unikament minħabba li ma kienx hemm biżżejjed fondi fil-kont tas-soċjetà intimata u b'hekk ma sarx il-ħlas.

38. Inoltre`, tajjeb jingħad li ma jirriżulta li kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub bejn il-kontendenti. Fil-fatt, kif tajjeb sottomess mill-istess soċjetà intimata Shoe Boss Limited, ma kienx hemm ftehim bil-miktub u għalhekk ma jirriżultaw l-ebda dati stipulati meta kellha ssir il-konsenja ta' merkanzija. Jirriżulta mill-provi prodotti, li kien hemm ftehim verbali dwar kif ser isir il-konsenja tal-merkanzija u kif se jsiru l-ħlasijiet dovuti.

39. Jiġi osservat ukoll, li fis-serje ta' dokumenti, ossija invoices, eżebiti bħala Dok 9 ma' l-affidavit ta' Philip Hudson, huma iffirmati. Din il-Qorti tinnota li bosta minn dawn l-invoices fosthom dawk fol 325 *et sequitur,* kif ukoll l-invoices eżebiti mar-rikors promotur, huma ħafna minnhom iffirmati, minn Josephine Portelli. Dan evidentement, juri b'mod manifestament ċar, il-prova li dawk il-konsenji, li jidhru f'dawk l-invoices, ġew kollha ikkonsenjati lil Josephine Portelli, u li l-merkanzija ġiet supplita.

40. Jirriżulta wkoll mid-dokumenti in atti, fosthom mill-ittri ta' korrispondenza, emails li ntbagħtu bejn il-partijiet eżebiti bħala Dok 11 fol 359 *et sequitur*, fejn jidhru hemmhekk stipulati t-termini ta' pagament li kellu jitħallas relatati mal-konsenja ta' merkanzija.

Jidhru ukoll il-listi tal-konsenji u fhiex kienu jikkonsistu, fol 372, 373, u 376. Minn din il-korrispondenza eżebita joħroġ ukoll, li Josephine Portelli kienet qed tikkorrispondi u taċċetta l-ordnijiet, fol 380, hija kitbet sabiex jintbagħtu l-aċċessorji l-ewwel, u fol 381, hija ikkonfermat l-ordni u qalet biex jipproċedu bl-ordni ta' merkanzija. U kien biss fl-email ta' Ottubru 2017 (fol 385), li Portelli ġiet infurmata li jista' jitkompla l-konsenja tax-xogħol tax-xitwa tas-sena 2017, kemm-il darba jsir il-ħlas rikjest tal-konsenja tas-sajf ta' qabel, li kienet għadha ma saritx fejn fl-istess 'email' tinġibed l-attenzjoni illi fl-ewwel laqgħa tagħhom, kien ġie miftiehem li l-ħlas kellu jsir f' terminu ta' 90 ġurnata. Fl-istess email, Eurosport Limited jiġbed l-attenzjoni tas-soċjetà intimata, li nonostante l-ammont kbir li kellu jitħallas għall- konsenja mis-soċjetà intimata iżda, l-ebda 'bank guarantee' ma ġiet rikjesta. Sussegwentement, fil-korrespondenza fol 388, ingħad:

> "*As you well know, in the beginning, we had both agreed on 43% discount with 90 days credit and despite upgrading your discount from 43% to 45% and given you another 30 days credit (120 days) you still have not honoured your commitment.*"

Fil-korrispondenza eżebita fol 389 tas-26 ta' Ottubru 2017, ingħad:

> "*Attached please find your updated statement, in total you have 43,403.26.*
>
> *In my opinion, I suggest that you come out with a payment schedule how you will be paying, I strongly suggest as well, small payments every week starting 1st week November 2017, each payment will be 3,338 per week from 1st week November until last week January 2018.....In your hands, Josephine, you decide, but it is very important that you dont exceed the 120 days from invoice.*"

41. Il-prova tal-konsenja tal-merkanzija supplita toħroġ ukoll mill-fatt, li l-istess soċjetà intimata ħarġet iċ-cekk li jinsab eżebit fol 401, fl-ammont ta' għaxart elef, mitejn u sitta u għoxrin Ewro (€10,226), wara li Josephine Portelli stess ikkonfermat, li l-merkanzija fl-ammont ta' €10,000 għadha ma tħallsitx, hija wkoll ammissjoni, da parti tas-soċjeta' intimata, li hemm ammont dovut lis-soċjeta' rikorrenti.

42. Tant huwa hekk, li anke fl-ittra mibgħuta mis-soċjeta' Shoe Boss Limited datata 6 ta' Novembru 2017, eżebita bħala Dok E fol 392-393, li ntbagħtet mingħajr preġudizzju, bħala ittra responsiva għall-ittra legali tal-1 ta' Novembru 2017, Dok B fol 81, annessa mar-rikors promotur, ġie ammess li hemm ammont x'jitħallas. Preċiżament, ingħad hekk:

> "*Fuq nota fiha li fl-ewwel lok il-klijenta tiegħi tinvoka l-ftehim akkordat bejn il-partijiet li l-ħlas ta' € 43,403.26 issir entro 120 ġurnata mid-data tal-invoice. Dipiu`, fir-rigward tar-rimanenti bilanċ, u cjoe`, € 10,226, in vista tal-fatt li l-klijenta tiegħi sofriet danni inġenti f'nuqqas ta' bejgħ u anke kienet kostretta tordna stock bi prezz ogħla li anke ser jasal tard fl-istaġun minħabba li l-ordnijiet kellhom isiru tard ladarba l-klijenta tiegħek baqgħet tkaxkar saqajha u finalment ma kkonsenjatx ix-xogħol miftiehem qiegħed jiġi suġġerit li din is-somma ta' € 10,266 titħallas entro Jannar 2018.*"

43. Għalhekk minn eżami akkurat tal-provi, jirriżulta li l-merkanzija ġiet konsenjata lis-soċjeta' intimata. Dak li ma ġiex ippruvat, huwa li sar il-pagament tal-ammont pretiż mis-soċjetà rikorrenti. Anzi kuntrarjament għal dan, jirriżulta li xi pagamenti li saru

tramite ċekkijiet ma ġewx onorati. Konsegwentement l-ammonti li jidhru fl-imsemmija ċekkijiet baqgħu ma tħallsux lis-soċjetà rikorrenti.

44. In vista tas-suespost, l-ilment fl-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata, li l-merkanzija ġiet konsenjata tard, ma jirriżultax li ġie ippruvat. Kuntrarjament, jirriżulta u kollox jindika mill-atti u mid-dokumenti kollha eżebiti, li l-ammont pretiż għall-merkanzija u prodotti suppliti kif indikat fir-rikors promotur huwa dovut lis-soċjetà rikorrenti.

45. Konsegwentement ser tilqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti għall-motivi hawn fuq spjegati.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tas-soċjeta’ rikorrenti u tas-soċjeta’ intimata;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta’ Shoe Boss Limited.

**Tilqa’** t-talbiet tas-soċjeta’ rikorrenti bil-mod segwenti:

**Tiddikjara** li s-soċjetà intimata hija debitriċi tas-soċjetà Eurosport Limited, fl-ammont ta' tlieta u ħamsin elf, sitt mija u disgħa u għoxrin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€ 53,629.26) rappreżentanti l-prezz dovut għal xiri ta' merkanzija (ħwejjeġ, żraben u aċċessorji) tad-ditti Adidas, Reebok, Joluvi, Live-Up fost oħrajn.

**Tikkundanna** lis-soċjeta’ intimata sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tlieta u ħamsin elf, sitt mija u disgħa u għoxrin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€ 53,629.26).

Bl-ispejjeż inkluż dak tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru ta' referenza 194/2018, u bl-imgħax legali mid-data tal-preentata tal-kawa odjerna sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur